L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
It-tletin ħarġa: Mejju – Ġunju 2005

# (4) Is-Surmast Adeodato Gatt

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Jekk fl-artiklu tal-ħarġa l-oħra ta' 'L-Ospizio' (Għadd 29, Mar. – Apr. 2005, p. 2) sirna nafu li Miss Helen kienet tiġi z-zija ta' Philip Farrugia li huwa student fl-iskola Lorenzo Manchè tal-Furjana , u s-surmast Żebbuġi Philip Gatt jiġi nannuh, f'dal artiklu nsiru nafu wkoll lil bużnannuh, li mhu ħadd ħlief iż-Żabbari Mro. Adeodato Gatt. L-artikolett tiegħi 'Is-Surmast Adeodato Gatt' kien deher f'paġna nru 4 tal-fuljett 'L-Ospizio', Għadd 30, Mej. – Ġun. 2005.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, Mro. Adeodato Gatt, De Rohan (Granmastru)

Fil-ħarġa l-oħra konna laqqgħajniekom man-nannu ta' Philip Farrugia tal-klassi 2B, li jġib l-istess isem. Sibna li, missier in-nannu ta' Philip Farrugia, jew aħjar, il-bużnannu tiegħu, ukoll kien Surmast tal-banda. Infatti Adeodato, missier is-Surmast Philip Gatt, kien jiġi iż-żgħir fost ħamest aħwa.


L-ark trijonfali li jinsab fid-daħla tal-belt ta' Ħaż-Żebbuġ
(Bliet u Rħula Maltin 2)

Adeodato twieled f'Ħaż-Żabbar nhar is-26 ta' Ġunju 1898. Huwa ħa l-ewwel tagħlim mużikali mingħand ħuh il-kbir, Mikiel, li kien Surmast taż-żewġ baned Żebbuġin. Aktar tard beda jdoqq ukoll il-klarinett maż-żewġ baned Beltin, jiġifieri *La Valette* u l-*King's Own*. Is-surmastrijiet ewlenin ta' dak iż-żmien, fosthom Doncich u Botti, tgħidx kemm kienu jfaħħru x-xogħlijiet ta' Adeodato.

Sa minn età żgħira, il-bużnannu ta' Philip kien imexxi l-*Orkestra Mendelssohn* ta' Ħaż-Żebbuġ. Huwa kien surmast ukoll tal-Banda San Filep bejn l-1921 u l-1962, kif ukoll ta' baned oħrajn fosthom, dik ta' Tas-Sliema, ta' Cospicua, u tar-Rabat (Malta). Kien ukoll magħruf għall-arranġamenti sbieħ mużikali li kien jaf jagħmel.

Il-marċ ***Giovane Rohan*** kien wieħed mix-xogħlijiet bikrin ta' Adeodato. Fost ix-xogħlijiet l-oħra tiegħu nsibu dawn li ġejjin:

| Isem | Ġeneru | Data |
|---|---|---|
| | | |
| ***Impressione Sinfonica 1565*** | | |
| ***Ave Maria*** | Mużika sagra | 1949 |
| ***Xerri Karwana*** | Sinfonija korali | |
| ***In Sepulchrum*** | Marċ funebri | |

U għadd sabiħ ta' marċi brijużi mgħammdin b'ismijiet bil-Malti, Ingliż jew Latin, fosthom:

| Isem | | Data |
|---|---|---|
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***Lir-rebbieħ t'Aġġira*** | | |
| ***Semper Virens*** | | |
| ***A joyful Day*** | | |
| ***F'Misraħ S. Filep*** | | |

Tagħrif miġbur mis-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.